MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-7 ta' Frar, 2005

Numru 354/2001

**Il-Pulizija**
**Spettur Raymond D'Anastas**
**V**

**JESMOND GATT**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JESMOND GATT** ta' wiehed u tletin sena bin Gaetano u Maria nee Portelli, imwieled Pieta nhar s-sitta ta' Marzu 1970 u residenti 2, Railway Avenue, Hamrun jew Vassallo, Flat 2, Triq San Gorg, Gzira, detentur tal-karta tal-identita numru 211370M gie mressaq quddiemha akkuzat:

1. Talli fit-tlieta ta' Gunju 2001, fil-Gzira ghall-habta tas-siegha w nofs ta' filghodu, voluntarjament kkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Claire Borg skond kif iccertifika Doctor M. Grixti MD tal-isptar San Luqa;

2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, voluntarjament kkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Vincent Calleja u dan skond ma ccertifika Doctor M. Grixti MD tal-isptar San Luqa;
3. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, hebb ghal imsemmija Claire Borg u Vincent Calleja sabiex jingurhom, idejjaqhom, jew jghamlilhom hsara;
4. Talli bil-lejl kiser l-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b'xi mod iehor;
5. Talli fl-istess zminijiet indikati hawn fuq kellu f'idejh hew fuqu sikkina ta' kull xorta li tkun, b'xafra bil-ponta jew strument iehor bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;
6. Talli sar recidiv b'diversi sentenzi moghtija fit-tnejn ta' Dicembru 1992 minn awla numru 5, nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Mejju 1995 minn awla numru 10, fis-sbatax ta' Gunju 1996 minn awla numru 9, nhar l-hdax ta' Settembru 1997 minn awla numru 15, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

Rat l-atti kollha tal-kawza w d-dokumenti esibiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar s-sebgha w ghxrin ta' Gunju 2002 a fol 82 tal-atti sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza fuq riferuta.

Semghet lil imputat jiddikjara fis-seduta tas-sittax ta' Lulju 2002, li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif jirrizulta a fol 83 tal-atti.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi kollha salv dik tar-recidiva u dan kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-ewwel u tletin ta' Jannar 2005 kif jirrizulta mill-verbal a fol 118 tal-atti.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid

jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuzi kollha salv dik tar-recidiva.

Il-Qorti rat l-atti processwali kollha u rat li l-Prosekuzzjoni esibit zewg sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati esibiti fl-atti a fol 25 et seq markati bhala dokument RD 3 u RD 4, liema sentenzi it-tnejn fl-ismijiet premessi nghataw fis-sbatax ta' Gunju 1996, u erbgha w ghoxrin ta' Mejju 1995, pero l-Prosekuzzjoni naqset li tressaq xhud tal-identita fil-konfront tal-imputat in konnessjoni ma dawn l-istess zewg sentenzi u ghalhekk il-Qorti ma tittratta mal-imputat bhala recidiv.

Dwar il-piena:

Il-Qorti rat l-fedina penali tal-imputat li hija wahda riflettarja hafna. Rat pero li mis-sena 2001 sa llum, meta l-imputat tpogga taht ordni ta' Probation, huwa m'ikkommetta ebda reat iehor.
Illi ghalhekk bit-tama li zzomm lil imputat fit-triq t-tajba, il-Qorti ser timponi piena karcerarja sospiza b'zieda ta' ordni ta' supervizzjoni u multa.

**Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 216, 221, 339(1)(d), 49 u 50 tl-Kap 9 u l-artikoli 13 u 19 tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li qed ssib lil imputat JESMOND GATT hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu salv dik tar-recidiva u dan fuq ammissjoni tieghu stess u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' tmintax il-xahar sospizi ghal tlett snin ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta <u>oltre</u> dan qed tikkundannah lil hati jhallas multa ta' mija u hamsin lira maltin.**

**Il-Qorti tordna wkoll, ai termini tl-artikolu 289G tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li l-imputat probationer jitpogga taht s-supervizzjoni tal-Probation Officer Trevor**

**Calafato tul il-perjodu operattiv ta'din s-sentenza u li l-istess imputat probationer ghandu jzomm kuntatt regolari mal-istess Ufficjal tal-Probation u jaghmel dak kollu li jigi ordnat li jaghmel minn dan l-istess Ufficjal tal-Probation .**

**Il-Qorti fissret fi kliem car lil imputat l-import ta' din s-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li huwa jonqos li josservha.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**

**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Raymond D'Anastas**

**V**

**JESMOND GATT**

**ORDNI TA' SUPERVIZZJONI**
**[Artikolu 28G tal-Kap 9]**

**Seduta ta' llum 7 ta' Frar 2005**
Billi b'sentenza moghtija llum fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi l-imsemmi **JESMOND GATT gie kkundannat** ghal **piena karcerarja ta' tmintax il-xahar sospizi ghal tlett snin ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

U billi din il-Qorti hija tal-fehma li hu desiderabbli li jsir hekk;

**Tordna li** l-imsemmi **JESMOND GATT** bin Gaetano u Maria nee Portelli, imwieled Pieta nhar s-sitta ta' Marzu 1970 u residenti 2, Railway Avenue, Hamrun jew Vassallo, Flat 2, Triq San Gorg, Gzira, detentur tal-karta tal-identita numru 211370M **jitqieghed taht is-supervizzjoni tal-Ufficjal Sorveljanti Trevor Calafato u dan ghal perjodu ta' tlett snin mill-lum**;

Tordna li kopja ta' din l-Ordni tinghata lil hati u lil Ufficjal Sorveljanti Trevor Calafato.

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------